

**Brussell, 21 ta' Ġunju 2021
(OR. en)**

9896/21

**FISC 100
ECOFIN 604**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	9343/21 FISC 92 ECOFIN 555
Suġġett:	Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) - Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Ġunju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), approvati mill-Kunsill fit-3803 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Ġunju 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress miksub
mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) matul il-Presidenza
Portugiża**

Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

1. JILQA' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Portugiża kif stabbilit fir-rapport tiegħu (9341/21 + ADD 1-8), b'mod partikolari fir-rigward tar-reviżjoni tal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx fi Frar 2021 u d-diskussjoni li għaddejja dwar ir-riforma tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat li għandha tkopri wkoll karatteristiċi tas-sistemi tat-taxxa li għandhom applikazzjoni ġenerali u li jista' jkollhom effetti dannużi; fid-dawl tal-progress tajjeb li sar sa issa, JISTIENEN lill-Grupp biex ikompli l-ħidma;
2. ITENNI r-rieda tiegħu li jkompli jiddiskuti r-reviżjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat hekk kif ikun hemm żviluppi rilevanti fil-livell internazzjonali iżda mhux aktar tard mill-bidu tal-2022;
3. JAPPROVA l-progress li sar fil-valutazzjoni tal-istatus quo u n-notifiki ta' żmuntar mill-Grupp u JITLOB lill-Grupp ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u bl-implimentazzjoni tal-iżmuntar;
4. JILQA' l-monitoraġġ li qed jitwettaq mill-Grupp fir-rigward tal-implimentazzjoni tan-noti ta' gwida preċedenti tiegħu u l-progress miksub fir-rigward tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-2017 dwar il-privileġġi tat-taxxa relatati ma' żoni ekonomiċi speċjali;

5. JISTIENEN lill-Grupp biex ikompli d-djalogu effettiv mal-ġuriżdizzjonijiet u l-monitoraġġ, sabiex il-ġuriżdizzjonijiet jissodisfaw l-impenji rispettivi tagħhom u jikkonformaw mal-kriterji tal-elenkar tal-UE f'konformità mal-iskadenzi miftiehma; JISTIENEN lill-Grupp biex jitlob l-impenn tal-ġuriżdizzjonijiet fejn xieraq u skont skeda ta' żmien miftiehma mill-Grupp;
6. JINNOTA li l-Grupp biħsiebu jkompli l-ħidma tiegħu fuq ir-reviżjoni tal-ambitu ġeografiku tal-eżerċizzju tal-elenkar tal-UE, filwaqt li jkompli l-ħidma biex jinkorpora s-sjieda benefiċjarja bħala r-raba' kriterju ta' trasparenza;
7. JISTIENEN lill-Grupp biex ikompli l-ħidma tiegħu rigward miżuri difensivi fil-qasam tat-taxxa fil-konfront ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx, f'konformità mal-Gwida miftiehma, u jirrapporta regolarment lill-Kunsill dwar aktar progress f'dawn il-kwistjonijiet;
8. JIEĦU NOTA tad-diskussjoni dwar il-ħidma dwar it-tqabbil bejn il-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa u l-listi nazzjonali tal-Istati Membri; JISTIENEN lill-Grupp biex ikompli l-ħidma tiegħu billi jesplora aktar l-interazzjoni bejn il-listi tal-UE u dawk nazzjonali;
9. JISTIENEN lill-Grupp biex jirrapporta lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Slovena.

